MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 215/2013

Appell Nru: 215/2013 MM

Il-Pulizija

vs

Emmanuel Laudi

Illum 19 ta' Gunju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellant Emmanuel Laudi, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 556148M akkuzat talli:

Fit-30 ta' Marzu, 2012 ghall-habta tat-20.15hrs fi Triq Hal Tarxien, Gudja:

1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru: FBL806 fit-tirq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
2. W'aktar gewwa l-ghassa tal-pulizja taz-Zejtun irrifjuta jew naqas li jghati kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jghamel hekk skond il-ligi.
3. Kif ukoll fl-imsemmija data, hin lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura Nru. FBL-806 naqas li jezercita l-kura u l-attenzjoni xierqa u juri l-hsieb tieghu u jaghmel sinjal meta kine sejjer jibdel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vettura ohra.
4. Saq vettura Nru. FBL-806 b' manjiera perikoluza.
5. Saq vettura Nru. FBL-806 b' manjiera traskurata.
6. Saq vettura Nru. FBL-806 b' manjiera bla kont.

Il-Prosekuzjoni talbet li l-imsemmi jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-30 ta' April, 2013, fejn il-Qorti wara li rat wara li rat l-artikoli 15A, 15E tal-Kap 65, 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 u 75 L.S. 65.11, illiberat lill-imputat mit tielet (3) akkuza, sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi u mmultatu multa komplessiva ta' elf u hames mitt ewro (€1500) u sospensjoni illi jkollu licenzja ghall-zmien sena millum.

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Emmanuel Laudi pperezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata:

1) Tikkonframaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie lliberat mit-tielet imputazzjoni u
2) Tikkancellaha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant Emmanuel Laudi:

Illi l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b'mod ragjonevoli jew legali tasal ghas-sejbien ta' htija ta' l-imputat u dan ghas-semplici raguni li mix-xhieda ta' PC270 stess irrizulta li l-appellant kien qieghed isuq bil-mod hafna. Ghalhekk il-logika tghidlek li meta tkun qieghed issuq bil-mod qattt ma tista` tkun qed issuq b'mod bla kont, jew traskurat jew addirittura perikoluz. Jekk dan hu l-kaz kull min isuq vettura bil-mod jista` jispicca akkuzat quddiem il-Qorti bl-istess akkuzi li l-appellant spicca kkundannat fuqhom. Illi l-prova li wiehed kien qieghed isuq b'mod bla kont jew traskurat jew perikoluz trid tirrizulta minn fatti ohra. Mill-provi jirrizulta car li huwa dejjem kien fil-kontroll tal-vettura tieghu u li fl-ebda hin ma kien hemm xi perikolu ta' xi kollizzjoni. Il-fatt biss li kellu tazza mimljia bl-inbid fuq il-'glove compartement' hija prova cara li huwa kellu kontroll shih tal-vettura kif ukoll kien qieghed vera isuq b'mod galbat stante li kieku ma kienx hekk ma kienx jibqa` qatra inbid imhallat bil-kinnie go fiha.

Illi lanqas irrizulta li l-appellant irrifjuta li jghamel it-test tan-nifs. Anzi l-pulizija sostnew li l-appellant ta' l-kunsens tieghu ghal dan it-test wara li nghata s-solita twissija pero` skodn il-pulizija ma bdiex jonfoh sew. Ta' min isemmi wkoll li hemm dubju fuq kif inghatat it-twissija sabiex isir dan it-test. Minn l-affidavits ma jirrizulta minn inkien kif inghata din it-twissija. Li wiehed jghdi li nghata 's-solita twissija' ma tissodisfax il-vot tal-ligi u ghalhekk it-tentattiv tat-test li sar ma jistax jitqies bhala prova. Anzi skond ix-xhieda tal-kuntistabbli PC669 is-solita` twissija hija li persuna tista` tirrifjuta li taghmel it-test.

Minghajr pregudizzju ghal-dak li ntqar l-appellant jahdem bhala mastrudaxxa u ghandu bzonn il-vettura tieghu sabiex jittrasporta kemm l-ghodda kif ukoll il-materjal. Apparti dan huwa ghandu tifel li jbati bl-epilepsija u kull darba li ibnu ikollu attakk l-appellant immedjatament ikollu jiehdu l-isptar ghal kura. Fic-cirkostanzi kemm il-multa kif ukoll is-sospensjoni se tkun ta' oneru kbir fuq l-appellant.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tletin (30) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) ghal habta tat-tmienja u kwart ta' filghodu (20:15) fi Triq Hal Tarxien il-Gudja, l-appellant Emanuel Laudi kien qed isuq

vettura bin-numru FBL 806. Dak il-hin inzerta jsuq warajh bil-karozza privata tieghu PC 270 John Zerafa illi osserva lill-appellant ixaqleb fuq in-naha tal-passiggier u ghall-ewwel PC Zerafa haseb illi l-appellant kien se jhossu hazin jew inkella kien bi naghas u ghalhekk qabzu u ghamillu sinjal biex jieqaf però l-appellant baqa' ghaddej. Zerafa rega' qabzu darba ohra, l-appellant rega' baqa' ghaddej izda mat-tielet darba waqaf. Meta l-pulizija gie magenb l-appellant dana xamm rieha ta' xorb; fuq il-floor board tal-vettura misjuqa mill-appellant kien hemm flixkun inbid u fuq id-dash board kien hemm tazza u fuq is-seat tal-passiggier kien hemm zewgt ifliexken Kinnie. Peress illi PC Zerafa gih is-suspett illi l-appellant kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb talab l-assistenza ta' pulizija ohra u gew fuq il-post WPS 152 S. Haber u PC 669 Robinson Mifsud. Dawn il-pulizija kollha innutaw il-flixkun tal-inbid vojt fuq il-floor board tal-vettura kif ukoll illi l-appellant kellu rieha ta' xorb. Kien ghalhekk illi WPS 152 ordnat lill-appellant imur l-ghassa taz-Zejtun sabiex isir ili-breathalyzer test. Hemmhekk is-surgent infurmatu bid-drittijiet tieghu u l-appellant ipprova jaghmel dan l-ezami però ghal xi raguni kien inkonklussiv. Skont il-pulizija l-appellant ma bediex jonfoh bizzejjed fl-apparat. Kien hawnhekk illi l-appellant irrimarka illi ghandu xi kundizzjoni f'qalbu. Minhabba f'hekk l-appellant gie infurmat illi kienu se jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu u fil-fatt hekk ittiehdu sakemm b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati filwaqt illi gie liberat mit-tielet akkuza dak illi ma ghamilx sinjal meta biddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu, izda gie misjub hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontra tieghu.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi l-ewwel Qorti erronjament sabitu hati mentri fil-fatt is-sewqan tieghu la kien traskurat, la kien perikoluz u lanqas kien bla kont.

Ikkunsidrat:

Wahda mir-ragunijiet il ghala l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' sewqan perikoluz, traskurat u bla kont kien illi WPS Haber qalet fl-affidavit taghha illi PC 270 kien qalilha illi innota lill-appellant iserrep fit-triq. Din il-Qorti kellha l-okkazjoni tisma' direttament lil PC 270 John Zerafa fejn dana xehed illi l-appellant kien qed isuq bil-mod mal-hajt, ma kienx qed jisserrep u l-unika raguni illi deherlu illi kellu jwaqqaf lill-appellant kien ghax rah qed jistrieh jew jiggenneb fuq in-naha tax-xellug u haseb illi jew kien bi naghas jew inkella kien se jhossu hazin. It-tip ta' sewqan tal-appellant kien ghal kollox korrett u ma kienx hemm xejn x'jindika illi l-appellant ma kienx qed josserva r-regolamenti tat-traffiku. Veru illi sakemm PC Zerafa waqqaf lill-appellant

kellu jaqbzu tlett darbiet però l-Qorti tosserva illi dak il-hin Zerafa kien qed isuq il-karozza personali tieghu u ghall-appellant seta’ ma kien hemm xejn x’jindika illi dana kien pulizija illi kien qed jigbed l-attenzjoni tieghu. Mat-tielet darba l-appellant waqaf u l-istess pulizija jghidu illi ikkopera maghhom fl-investigazzjoni illi kienu qieghdin jaghmlu. Qalu wkoll illi l-appellant kien qed jitkellem car u jikkopera maghhom. Cahad kategorikament illi qal li xi hadd illi l-appellant kien qieghed jisserrep fit-triq, anzi spjega illi li kieku kien hekk il-pulizija zgur illi ma kienx jipprova jaqbzu izda kien jibqa’ warajh. F’dak il-mument illi PC Zerafa waqqaf lill-appellant ma kien hemm ebda indikazzjoni illi dan tal-ahhar ma kellux il-kontroll shih tal-vettura.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti zgur ma tistax issib htija tar-raba’, il-hames, u s-sitt akkuzi. Is-sewqan tal-appellant kien galbat, kien skont ir-regolamenti u ma kien hemm xejn x’jindika illi seta’ kien hemm xi element ta’ traskuragni fis-sewqan tieghu. L-istess jinghad ghall-ewwel akkuza fejn l-appellant gie addebitat illi ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Jekk kienx xurban jew le, il-fatt kien illi l-vettura kienet tidher illi qieghda taht il-kontroll shih tal-appellant illi kien qed isuq bil-mod ma’ genb it-triq, liema sewqan zgur illi ma kienx ta’ theddida jew periklu ghat-terzi.

Rigward it-tieni akkuza dak illi irrifjuta jew naqas illi jaghti kampjun tan-nifs irrizulta illi l-appellant accetta illi jiehu dan l-ezami li kien inkonklussiv. Mhuwiex ezattament car il ghala dana sar. Il-pulizija Haber tghid illi l-appellant ma kienx qed jonfoh bizzejjed u s-surgent deherilha illi l-appellant kien qieghed jghaddihom bi zmien. Però qalet ukoll illi l-appellant kellu xi problemi f’qalbu fejn allura s-surgent ma komplietx tinsisti illi jsir dan it-test. Però zgur l-appellant la rrifjuta u lanqas naqas illi jaghti dan il-kampjun. Kwindi hawn ukoll il-Qorti ssib li ma tistax issib htija fuq it-tieni akkuza. Kwindi, fuq dan il-kaz irrizulta illi l-appellant kien qieghed isuq b’mod galbat, bil-mod fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Is-sewqan tieghu la kien perikoluz, la traskurat u lanqas bla kont. Però l-pulizija xammew rieha ta’ xorb. Kwindi l-unika haga illi l-appellant jista’ jigi addebitat biha hija proprju din l-ahhar cirkostanza li fiha nnifisha mhuwiex reat. Hu x’inhu zgur illi l-appellant dejjem kellu l-kontroll tal-vettura u fl-ebda mument ma kien ta’ periklu ghalih jew inkella ghall-utenti l-ohra tat-triq. Ghalhekk il-Qorti ssib illi dan l-appell ghandu jigi milqugh peress illi mill-provi kif irrizultaw lil din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment issib htija skont l-akkuzi addebitati lill-appellant.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tikkonferma l-ewwel sentenza fejn ma sabitx htija tat-tielet akkuza, u tirriformaha in kwantu sabet htija tal-imputazzjonijiet l-ohra. Tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u ghalhekk tordna illi ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------